

## DEĊIŻONI TAL-KUMMISSJONI

tat-13 ta' Novembru 2007

**li temenda d-Deċiżjoni 2006/415/KE rigward ġerti miżuri ta' protezzjoni b'rabta ma' influwenza avjarja ta' patoġeniċità qawwija tas-subtip H5N1 fit-tjur fir-Renju Unit**

(notifikata taħt id-dokument numru C(2007) 5549)

(Test b'relevanza għaż-ŻEE)

(2007/731/KE)

IL-KUMMISSJONI TAL-KOMUNITAJIET EWROPEJ,

Wara li kkunsidrat it-Trattat li jistabbilixxi l-Komunità Ewropea,

Wara li kkunsidrat id-Direttiva tal-Kunsill 89/662/KEE tal-11 ta' Diċembru 1989 rigward spezzjonijiet veterinarji fil-kummerċ intra-Komunitarju bil-ħsieb tat-tlestija tas-suq intern<sup>(1)</sup>, u b'mod partikulari l-Artikolu 9(3) tagħha,

Wara li kkunsidrat id-Direttiva tal-Kunsill 90/425/KEE tas-26 ta' Ġunju 1990 dwar l-iċċekkjar veterinarju u zootekniku applikabbli għall-kummerċ intra-Kommunitarju ta' ġerti annimali ħajjin u prodotti bil-ħsieb tat-tlestija tas-suq intern<sup>(2)</sup>, u b'mod partikulari l-Artikolu 10(3) tagħha,

Billi:

- (1) Id-Deċiżjoni tal-Kummissjoni 2006/415/KE ta' l-14 ta' Ġunju 2006 dwar ġerti miżuri ta' protezzjoni fir-rigward ta' l-influwenza tat-tjur tas-subtip H5N1 ta' patoġeniċità għolja ħafna fit-tjur tal-Komunità u li tirrevoka d-Deċiżjoni 2006/135/KE<sup>(3)</sup> tistabbilixxi ġerti miżuri ta' protezzjoni biex ikunu applikati sabiex tkun evitata l-firxa ta' dik il-marda, fosthom it-twaqqif ta' żoni A u B wara tifqigħa suspettata jew ikkonfermata tal-marda.
- (2) Ir-Renju Unit avża lill-Kummissjoni dwar it-tifqigħa ta' l-influwenza avjarja ta' patoġeniċità għolja tas-subtip H5N1 frazzett tat-tjur fit-territorju tiegħu fil-kontea ta' Suffolk u ħa l-miżuri xierqa kif ipprovdu fid-Deċiżjoni 2006/415/KE, fosthom it-twaqqif ta' żona A u B kif ipprovdu fl-Artikolu 4 ta' dik id-Deċiżjoni.

(3) Il-Kummissjoni eżaminat dawk il-miżuri f'kollaborazzjoni mar-Renju Unit, u hija sodisfatta li l-fruntieri ta' Żoni A u B stabbiliti mill-awtorità kompetenti f'dak l-Istat Membru huma f'distanza biżżejjed mil-lok attwali tat-tifqigħa. Iż-Żoni A u B fir-Renju Unit jistgħu għalhekk ikunu konfermati u d-dewmien ta' dik ir-reġjonalizzazzjoni jkun iffissat.

(4) L-Anness attwali tad-Deċiżjoni 2006/415/KE m'għadux fl-użu, għax il-miżuri ta' potezzjoni b'rabta ma' tifqigħa ta' influwenza avjarja fil-Ġermanja għaddew u għalhekk l-Anness għandu mibdul sħiħ.

(5) Id-Deċiżjoni 2006/415/KE għalhekk għandha tkun emendata kif jixraq.

(6) Il-miżuri ipprovdu f'din id-Deċiżjoni għandhom ikunu riveduti fil-laqgħa li jmiss tal-Kunitat Permanenti dwar il-Katina ta' l-İkel u s-Saħħa ta' l-Annimali,

**ADOTTAT DIN ID-DEĊIŻJONI:**

**Artikolu 1**

L-Anness mad-Deċiżjoni 2006/415/KE jinbidel bit-test fl-Anness ma' din id-Deċiżjoni.

**Artikolu 2**

Din id-Deċiżjoni hija indirizzata lill-Istati Membri.

Magħmul fi Brussell, 13 ta' Novembru 2007.

*Għall-Kummissjoni  
Markos KYPRIANO  
Membru tal-Kummissjoni*

<sup>(1)</sup> ĠU L 395, 30.12.1989, p. 13. Id-Direttiva kif l-aħħar emendata mid-Direttiva 2004/41/KE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill (ĠU L 157, 30.4.2004, p. 33); verżjoni kkoreġuta (ĠU L 195, 2.6.2004, p. 12).

<sup>(2)</sup> ĠU L 224, 18.8.1990, p. 29. Id-Direttiva kif l-aħħar emendata mid-Direttiva 2002/33/KE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill (ĠU L 315, 19.11.2002, p. 14).

<sup>(3)</sup> ĠU L 164, 16.6.2006, p. 51. Id-Deċiżjoni kif l-aħħar emendata bid-Deċiżjoni 2007/632/KE (ĠU L 255, 29.9.2007, p. 46).

## ANNESS

"ANNESS

**PARTI A**

Iż-Żona A kif stabbilita skond l-Artikolu 4(2).

| ISO Kodiċi tal-Pajjiż | Stat Membru | Żona A                               |   | Data sakemm appli-kabbli l-Artikolu 4<br>(4)(b)(iii) |
|-----------------------|-------------|--------------------------------------|---|--|
|                       |             | Kodiċi<br>(jekk disponibbli)         | Isem  |  |
| UK                    | RENJU UNIT  | SUFFOLK<br>00162                     | Żona ta' protezzjoni:<br>Żona li tikkonsisti f'dik il-parti tal-kontra ta' Suffolk li tinsab fiċ-ċirku radjus 3 kilometri, iċċentrat fuq ir-referenza tal-grid TM 06178 76666 (*).            | 21.12.2007   |
|                       |             | SUFFOLK<br>00162<br>NORFOLK<br>00154 | Żona ta' sorveljanza:<br>Żona li tikkonsisti f'dik il-parti tal-kontra ta' Suffolk u Norfolk li tinsab fiċ-ċirku radjus 10 kilometri, iċċentrat fuq ir-referenza tal-grid TM 06178 76666 (*). |  |

(\*) Ir-referenza tal-grid hija referenza tal-Grid Nazzjonali tal-Gran Brittanja.

**PARTI B**

Iż-Żona B kif stabbilita skond l-Artikolu 4(2):

| ISO Kodiċi tal-Pajjiż | Stat Membru | Żona B                               |  | Data sakemm appli-kabbli l-Artikolu 4<br>(4)(b)(iii) |
|-----------------------|-------------|--------------------------------------|--|--|
|                       |             | Kodiċi<br>(jekk disponibbli)         | Isem   |  |
| UK                    | RENJU UNIT  | NORFOLK<br>00154<br>SUFFOLK<br>00162 | Id-distretti ta':<br>Babergh<br>Breckland<br>Forest Heath<br>Ipswich<br>Mid Suffolk<br>Norwich<br>St Edmundsbury<br>South Norfolk<br>Suffolk Coastal<br>Waverney | 21.12.2007"  |